31991R2145

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2145/91

tal-15 ta' Lulju 1991

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 790/89 rigward l-ammont massimu ta' għajnuna għal titjib fil-kwalità u t-tqegħid fis-suq fis-settur tal-ġewż u ħarrub

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1623/91 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14d tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [4],

Billi r-Regolament (KEE) Nru 790/89 [5] stabilixxa l-ammont massimu għal kull ettaru tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istati Membri u tal-Komunità għall-pjanijiet ta' titjib fil-kwalità u tqegħid fis-suq imsemmija fl-Artikolu 14d tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72; billi din l-għajnuna hija essenzjalment intenzjonata bħala mezz biex jitħeġġeġ ix-xogħol meħtieġ għall-qerda ta' insetti segwit bit-tħawwil mill-ġdid u/jew tibdil għal varjetajiet oħra; billi, sabiex ikun assigurat li din il-mira tkun fil-fatt milħuqa, l-ammont massimu għal kull ettaru għandu jkunu suddiviż saboex tingħata konsiderazzjoni lin-natura speċifika ta' kull waħda minn dawn l-operazzjonijiet li jitwettqu għall-esekuzzjoni tal-pjan; billi l-ewwel limitu li jirrappreżenta l-parti l-kbira tal-finanzjament mill-Komunità għandu jkopri x-xogħol li teknikament jikkontribwixxi l-aktar għal titjib fil-kwalità u li, fid-dawl ta' l-esperjenza, jkun jista' jsir kull sena biss f'partijiet relattivament żgħar fil-ġnien tal-frott li jkun kopert bil-pjan; billi dan il-finanzjament għandu jsir f'fażijiet sabiex titqies ir-rata li biha l-azzjonijiet ikunu qiegħdin jitwettqu mingħajr ma jinħoloq tfixkil tal-kapital produttiv ta' l-organizzazzjonijiet tal-produttri; billi t-tieni limitu aktar baxx għandu jiffinanzja t-tipi l-oħra tax-xogħol meħtieġ li għandu x'jaqsam mal-kumplament tal-ġnien tal-frott li dwaru ma jkunx qiegħed isir xogħol għal titjib fil-kwalità;

Billi għandu jsir provvediment għal perjodu transitorju li jippermetti xi aġġustamenti jew reviżjonijiet tal-pjanijiet approvati saddata tas-seħħ ta' dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 790/89 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

L-ammont massimu għal kull ettaru msemmi fl-Artikolu 14d (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 rigward pjan li għandu jitwettaq matul perjodu ta' għaxar snin għandu jkun maqsum kif ġej:

1. Ammont massimu ta' ECU 475 kull sena matul ħames snin għandu jkun marbut ma' xogħol ta' qerda ta' insetti li wara jkun segwit bi tħawwil mill-ġdid u/jew tibdil għal varjetajiet oħra.

   Dan l-ammont massimu għandu jkopri l-finanzjament tax-xogħol marbut ma' l-esekuzzjoni tax-xogħolijiet hawn fuq imsemmija, li jirrelataw għal art li ma tkunx akbar minn 40 % ta' l-art totali tal-ġnien tal-frott kopert bil-pjan, li minnhom massimu ta' 20 % jitwettaq matul l-ewwel sentejn tal-perjodu tal-pjan u massimu ta' 20 % matul it-tliet snin l-oħra.

   Għall-kumplament tas-snin sabiex jiġi esegwit il-pjan, l-ammont massimu li jitħallas għal artijiet li jkunu mħawla mill-ġdid jew mibdula għandu jkun ta' ECU 200 kull sena;

2. Ammont massimu ta' ECU 200 kull sena, matul perjodu ta' għaxar snin, għal xogħol marbut ma' l-esekuzzjoni ta' xi xogħol ieħor marbut mal-kumplament tal-ġnien tal-frott.

---

(1) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
(2) ĠU L 150, tal-15.6.1991, p. 8.
(3) ĠU C 104, tad-19.4.1991, p. 78.
(4) Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju 1991 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(5) ĠU L 85, tat-30.3.1989, p. 6.

Artikolu 2

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika:

(a) immedjatament f'dak li għandu x'jaqsam ma' pjanijiet ta' titjib fil-kwalità u t-tqegħid fis-suq mid-data tas-seħħ tiegħu;

(b) mill-1 ta' Settembru 1993 f'dak li għandu x'jaqsam ma' pjanijiet li jkunu ġew approvati qabel id-data tas-seħħ kif hemm imfisser fl-ewwel subparagrafu.

M'għandux japplika f'dak li għandu x' jaqsam ma' spiża li tkun diġà mwiegħda qabel id-data tas-seħħ kif imfisser fl-ewwel subparagrafu għat-twettieq tal-pjanijiet li jkunu ġew approvati minn qabel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Lulju 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

P. BUKMAN